MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2010

Numru 305/2010

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Wael Mahmoud Dawah

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 31831A, akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. fil-5 ta' Marzu, 2010, ghall-habta tas-1:45 p.m., fi Triq Melita, Valletta kkommetta serq ta' basket kontenenti mobile phone tal-marka Sharp u xi oggetti ohra, minn fuq il-persuna ta' Michelina Refalo, liema serq huwa

kkwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment tal-koppja Michelina u Joseph Refalo u/jew ta’ persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;
2. fid-9 ta’ Marzu, 2010, ghal habta tal-5:30 p.m., fi Triq ir-Repubblika, Valletta kkommetta serq ta’ basket, kontenenti flus kontanti u xi oggetti ohra, minn fuq il-persuna ta’ Giuseppa Borg, liema serq sar ghad-detriment ta’ l-istess Giuseppa Borg u/jew ta’ persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;
3. fit-2 ta’ Marzu, 2010, ghal habta tat-8:30 p.m., fi Triq ir-Repubblika kantuniera ma’ Triq Melita, Valletta kkommetta serq ta’ basket, kontinenti xi flus kontanti, mobile phone u xi oggetti ohra, minn fuq il-persuna ta’ Maria Carmela Muscat, lieam serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ l-istess Maria Carmela Muscat u/jew ta’ persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;
4. rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa gia’ instab hati b’diversi sentenzi mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:
L-imputat fl-udjenza tal-lum ghazel li jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Wara li kkonsidrat l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat, il-fedina penali tieghu li fiha precedenti ta’ serq, u rat l-Artikolu 18, 261(b)(f), 267, 270, 279, 49 u 50 tal-Kap 9 tikkundannah disa xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------